MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 335/1993/1

**Michael Vella**

**vs**

**Andrew Camilleri**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

B'citazzjoni ppresentata fis-17 ta' Marzu, 1993 l-attur ippremetta illi kien gie mqabbad minn certu Vincent

Cauchi biex jibni s-saqaf tad-dar 42, Annunciation Street, Tarxien; illi huwa kien issubabbalta l-istess xoghol lill-konvenut Andrew Camilleri li effettivament ghamel u esegwixxa l-istess xoghol; illi sussegwentement il-kommittent Vincent Cauchi kien ilmenta li x-xoghol fis-saqaf tad-dar numru 42 Annunciation Street, Tarxien kien sar hazin b'mod li rrizultaw difetti strutturali li rrendew is-saqaf perikoluz u ghalhekk kien talab li l-istess Vella jigi dikjarat responsabbli ghad-danni kagunati b'dan il-fatt; illi f'dik il-kawza, citazzjoni numru 1644/85 fl-ismijiet Vincent Cauchi versus Michael Vella et kien gie kjamat fil-kawza Andrew Camilleri; illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Lulju, 1992 fil-kawza fl-ismijiet Vincent Cauchi versus Michael Vella et Citazzjoni numru 1644/85 il-Qorti laqghat it-talbiet ta' l-allura attur Vincent Cauchi fil-konfront ta' Michael Vella wara li cahdet l-eccezzjonijiet sollevati minn dan, illikwidat id-danni fl-ammont ta' elf tlett mija u sebgha' u ghoxrin lira maltija u kkundannatu jhallas l-ispejjes ta' dik il-kawza ghad-eccezzjoni ta' dawk tal-kjamat in kawza li baqghu biex jigu sopportati mill-istess kjamat fil-kawza u irriservat kull dritt spettanti lill-attur odjern ghar-rigress kontra l-kjamat in kawza "si et quatenus"; illi ghalhekk l-attur gie li sofra danni konsistenti fil-hlas li hu kellu jaghmel lil Vincent Cauchi skond il-fuq imsemmija sentenza kif ukoll fl-imghax u spejjes gudizzjarji minnu inkorsi fil-kawza fuq imsemmija; illi ghall-hlas tal-istess danni huwa responsabbli Andrew Camilleri li kien malament esegwixxa x-xoghol ta' kostruzzjoni tas-saqaf tad-dar numru 42, Annunciation Street, Tarxien lilu affidat mill-attur Michael Vella kif fuq inghad; dan premess l-attur talab lill-allura Qorti tal-Kummerc sabiex:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur kif fuq inghad minhabba l-kostruzzjoni u xoghol hazin li l-istess konvenut ghamel fis-saqaf tad-dar numru 42 Annunciation Street, Tarxien u danni ohra konsegwenzjali bhala rizultat ta' l-atti gudizzjarji fuq riferiti;
2. tillikwida l-istess danni okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-istess konvenut ihallas id-danni hekk likwidati flimkien mal-imghax kummercjali mid-data tal-pagament dovut;

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

B'nota tat-3 ta' Mejju, 1993 l-konvenut eccepixxa:-
1. In linea preliminari l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;
2. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti m'ghandux iwiegeb ghad-danni reklamati;
3. Subordinatament, u dejjem bla pregudizzju, f'kaz li l-eccipjenti jigi ritenut responsabbli huwa m'ghandux jirrispondi ghall-ammont tad-danni li talvolta jistghu jigu likwidati jekk l-attur kien ga' kellu gharfien bosta snin qabel tal-ezistenza tal-hsarat u huwa baqa' ma ghamel xejn biex mhux biss izomm fermi d-drittijiet tieghu izda wkoll biex jimminimizza l-istess hsarat.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Novembru, 1993 il-Qorti laqghat l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u iddikjarat l-azzjoni tal-attur preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16, u wara li ddikjarat li d-danni gudizzjarji huma konsegwenzjali ghat-talba principali u ghalhekk ma jistghux iregu wahedhom, u konsewgentement cahdet it-talba ta' l-attur bl-ispejjes kontra tieghu u dana wara li qalet hekk:-
*"Illi l-konvenut qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16.*
*Din il-preskrizzjoni tirriferixxi ghal perjodu preskrittiv ta' hames snin relativament ghal kazijiet ta' hlas ta' krediti li ma jaqghux taht xi provvediment partikolari tat-Titolu in materja.*
*It-talba attrici hija rizultat tas-sentenza fil-kawza 1644/85 deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju, 1992. F'dik il-kawza l-konvenut kien kjamat fil-kawza, bhala l-persuna li esegwit l-appalt moghti mill-attur attwali Vella, li kien allura kkuntratta ma' Vincent Cauchi, attur fil-kawza fuq imsemmija.*
*Dik il-Qorti ddecidiet kontra Vella u ghamlet riserva ghad-drittijiet tal-istess kontra l-konvenut prezenti.*
*Dak illi jsostni l-konvenut illum huwa illi kull azzjoni tal-attur hija preskritta in kwantu l-attur kien jaf li*

*eventwalment seta’ jigi f’posizzjoni li jkollu jharrek lill-konvenut, pero` ma nterrompa l-preskrizzjoni b’ebda mod.*

*L-attur iwiegeb illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mid-data li gie kristallizat il-fatt illi huwa kien tenut responsabbli ghall-hsarat. Mhux biss, imma sostna l-abbli difensur ta’ l-attur, imma huwa ma setghax ifittex lill-konvenut ghall-ispejjes tal-kawza qabel din tinqata’.*

*Il-Qorti kkunsidrat:*

*L-attur isostni illi peress illi fil-kawza precitata l-konvenut (allura kjamat fil-kawza) kien qieghed jirrezisti t-talbiet tal-attur f’dik il-kawza, huwa ma kellux ghalfejn jinterrompi l-preskrizzjoni.*

*Il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument ghar-ragunijiet segwenti:*

*1. Il-ligi hija cara dwar meta tibda tiddekorri l-preskrizzjoni.*

*Illi skond il-ligi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dak inhar li l-azzjoni tista’ tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew il-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*

*F’dan il-kaz il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri mid-data li l-attur gie interpellat biex jirranga l-hsara. Dak in-nhar twieled id-dritt tieghu ta’ azzjoni kontra l-konvenut, indipendentement mill-attitudini ta’ dan tal-ahhar (cioe` jekk kienx jghid li kien ghamel xoghol hazin jew le).*

*Difatti l-kawza precedenti kellha premessi li kienu jindikaw car u tond lill-attur odiern li l-lanjanzi kienu dwar ix-xoghol tas-saqaf ezegwit mill-konvenut odiern. Id-dekors tal-preskrizzjoni certament ma jistax jintrabat, kif jippretendi l-attur, mal-fatt jekk l-appaltatur jidhirx li ser jaccetta t-tort jew le.*

*2. Il-principju li janima l-istitut tal-preskrizzjoni hu proprju dak illi d-dritt ta’ l-azzjoni jigi limitat, u dan ghal diversi ragunijiet li ma hemmx ghalfejn jigu spjegati hawn. Il-ligi ma tridx li d-dritt ta’ azzjoni jibqa’ jiddekorri wara li tintemm azzjoni ohra, salv dejjem l-interruzzjonijiet legali.*

*3. Il-fatt illi l-konvenut odiern kien kjamat fil-kawza precedenti ma jinterrompix il-preskrizzjoni a favur ta’ l-attur odiern. Il-kjamat fil-kawza huwa konvenut fis-sistema avversorjali u ghalhekk kien qieghed jigbed l-istess habel tal-konvenut f’dik il-kawza.*

*Il-Qorti tinnota inoltre,*

*Illi l-eccezzjoni tal-attur odiern bhala konvenut fil-kawza precedenti kienet biss illi ma kienx responsabbli hu imma Andrew Camilleri, billi dan kien ifforma relazzjoni diretta mal-attur Cauchi. Selecta una via neglecta altera. La ghazel li jiehu din it-triq u ma nterrompa l-preskrizzjoni bl-ebda mod, l-attur ma jistax issa jippretendi li l-preskrizzjoni tibqa' tistennieh sakemm jkollu ezitu ghall-eccezzjoni li ghazel.*

*Il-Qorti kkunsidrat ukoll:*

*Illi d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza precedenti kienet marbuta ma punt legali, cioe` jekk l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet saret il-kawza kienx japplika wkoll ghall-appaltatur, jew biss ghall-kommittent. Izda zgur illi x-xjenza tal-possibilita` ghall-kundanna tad-danni kienet tezisti xi sena biss wara li sar ix-xoghol.*

*Mill-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza kien car ghall-attur odiern li l-kjamat fil-kawza ma kienx qieghed jghid li l-premessi tal-kawza kienu japplikaw ghalih. Ghalhekk kien hemm dejjem il-possibilita` li ebda sentenza ma tinghata kontra tieghu u ghalhekk l-attur odiern kellu aktar interess li jissalvagwardja ruhha (sic) b'xi mezz ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni.*

*Finalment u b'referenza ghall-allegazzjoni li saret waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, il-Qorti ma rnexxiliex issib fl-atti tal-kawza precedenti, xi assunzjoni jew ammissjoni ta' responsabbilita` da parti tal-kjamat fil-kawza.*

*Illi ma jista' jkun hemm ebda dubbju illi ghaddew aktar minn hames snin mid-data li fiha l-attur gie mgharraf bil-pretensjoni relattiva."*

**L-appell ta' l-attur Michael Vella.**

L-attur Michael Vella hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk bi petizzjoni pprezentata fit-22 ta' Dicembru 1993 talab li din il-Qorti tirrevoka l-precitata sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Novembru, 1993 fil-kawza fl-ismijiet premessi u b'hekk filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

L-aggravji tal-appellant jikkoncernaw is-segwenti punti ta' ligi:-

1. Meta tibda tiddekorri l-preskrizzjoni.
2. Is-sospensjoni tal-preskrizzjoni bl-azzjoni tat-terz.

**Meta tibda tiddekorri l-preskrizzjoni.**

Qed jigi sottomess mill-appellant li l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti li l-preskrizzjoni tiddekorri mid-data meta l-attur gie interpellat jirranga l-hsara ma hiex wahda korretta billi f'azzjoni ghar-risarciment tal-hsara l-preskrizzjoni, skond l-appellant, tibda tiddekorri minn dik id-data meta attwalment huwa jigi jbati l-hsara.

Is-sitwazzjoni li tinsab quddiem il-Qorti hija wahda insolita billi r-relazzjoni legali hija bejn konvenut (illum attur appellant) u kjamat in kawza (l-appellat odjern) fi proceduri istitwiti minn terz. In effetti l-proceduri odjerni huma konsegwenza ta' proceduri determinati fis-7 ta' Lulju, 1992 b'sentenza ta' din il-Qorti, kif dak inhar komposta. Jirrizulta li f'dawk il-proceduri, li kienu gew istitwiti mill-kommittent kontra l-appaltatur (l-appellant odjern) ghal allegati hsarat kagunati minhabba difetti fil-kostruzzjoni ta' saqaf, kien gie deciz li r-responsabbilita` vis-a-vis il-kommittent kienet tistrieh fuq l-appaltatur u mhux is-subappaltatur, ghalkemm dan ta' l-ahhar kien gie kjamat in kawza fuq talba tal-istess attur odjern fejn kien gie allegat li "l-istess Andrew Camilleri (konvenut odjern) hija l-persuna responsabbli ghax-xoghol li allegatament irrizulta hazin". B'dana kollu fil-parti dispositiva tas-sentenza l-Qorti tal-Appell ta' dak iz-zmien rriservat kull dritt spettanti lill-attur odjern kontra l-konvenut appellat 'si et quatenus'.

Fis-sottomissjonijiet tieghu dwar dan l-aggravju l-appellant jistrieh fuq dak li jghid l-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili li jippreskrivi illi "Il-preskrizzjoni tibda tiddekorri **minn dak inhar li l-azzjoni tista' tigi ezercitata,.......**" u billi kien biss bis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Lulju, 1992 li l-attur odjern kien obligat ihallas id-danni lil Vincent Cauchi, l-appellant jissottometti li l-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni tieghu bdiet tiddekorri mid-data tas-sentenza

stante li qabel dak inhar huwa ma setax jagixxi kontra l-konvenut odjern. In sostenn ta' dan l-argument l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi tal-qrati taghna kif ukoll awturi esteri. Biss din il-Qorti tosserva li s-sentenzi citati, u konsegwentement l-konkluzzjonijiet hemm raggunti, mhux applikabbli ghall-kaz sottoezami u dana billi jidher li fil-kazi imsemmija fin-nota tal-osservazzjonijiet ta' l-appellant, fl-ewwel lok ir-relazzjoni guridika kienet bejn zewg partijiet biss u inoltre l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni giet sollevata wara li kellu jigi determinat d-dritt ta' parti kontra l-ohra fi proceduri appositi. Ghalhekk gie ritenut li t-talba gudizzjarja wara li jigi determinat dak id-dritt mhix kolpita bil-preskrizzjoni estintiva nkwantu l-accertament tad-dritt kien sine qua non ghall-istituzzjoni tat-tieni proceduri. Fil-kaz odjern is-sitwazzjoni hija kompletament differenti nkwantu li fil-proceduri determinati minn din il-Qorti fl-1992, apparti li kellu jigi determinat jekk t-talba attrici ghad-danni kienetx gustifikata, kellu ukoll jigi determinat min kellu jaghmel tajjeb ghal dawk id-danni hekk reklamati mill-attur f'dawk il-proceduri. F'dak il-mument, ghalhekk, l-attur odjern kien espost ghall-eventwalita`, kif fil-fatt gara bis-sentenza tal-1992, li jkun obbligat jhallas id-danni. Kien ghalhekk jinkombi fuqu l-obbligu li jippriserva d-drittijiet tieghu fil-konfront tal-konvenut odjern u dan bil-mezzi li taghtih il-ligi.

Isegwi minn dak li inghad hawn fuq li din il-Qorti ma tistax taqbel ma dak li qed jigi sottomess mill-attur appellant. Infatti kif sewwa rilevat fis-sentenza appellata, l-obbligazzjoni li tat lok ghad-danni kagunati u d-dritt li l-istess attur appellant, konvenut f'dawk il-proceduri, kellu li jigi risarcit minn ghand il-konvenut odjern qamu fil-mument li gew istitwiti l-proceduri fil-kawza “Cauchi vs Vella et”. F'dak il-mument l-istess attur appellant kien konxju tal-allegati hsarat li kien hemm fis-saqaf kif reklamat mill-attur Cauchi f'dawk il-proceduri u kien certament konsapevoli u ghal anqas kellu jkun konxju sew mir-responsabbilita` tieghu fil-konfront ta' Cauchi kif ukoll mill-konsegwenzi tar-relazzjonijiet interni bejnu u l-istess appellant odjern. Huwa ghalhekk irrilevanti ghad-dekors tal-preskrizzjoni li l-attur odjern, f'dawk il-proceduri, kien

qed jipprova jghaddi r-responsabbilita` ghad-danni reklamati fuq il-persuna ta' Andrew Camilleri, appellat odjern u, fis-sitwazzjoni li kien jinsab fiha kien jinkombi fuq l-attur odjern li jilqa' ghal kull eventwali dikjarazzjoni ta' responsabbilita` fil-konfront tal-attur Cauchi b'dawk il-proceduri billi jzomm fermi d-drittijiet tieghu kollha kontra l-appellat odjern b'kull mezz a disposizzjoni tieghu sabiex jinterrompi l-preskrizzjoni fil-konfront ta' Camilleri waqt id-dekors tal-proceduri imsemmija. Ma jistax l-appellant jistrieh fuq l-eccezzjoni li huwa kien issolleva f'dawk il-proceduri u cioe` li t-talbiet ta' Cauchi fil-konfront tieghu kienu nfondati nkwantu x-xoghol kien sar minn terza persuna, u cioe` l-appellat odjern, billi fil-mument li giet istitwita dik il-kawza kontra tieghu u determinata finalment bis-sentenza ta' din il-Qorti tan-1992, l-appellant odjern kien jaf bil-possibilita` li f'dawk il-proceduri seta` jigi mizmum responsabbli fil-konfront ta' Cauchi u ghalhekk, tenut kont tal-istess eccezzjoni tieghu f'dawk il-proceduri kif fuq riportata, kien messu zamm ferm id-drittijiet tieghu.
Dan l-aggravju ghalhekk ma jidhirx gustifikat.

**Is-sospensjoni tal-preskrizzjoni.**

L-appellant qieghed ukoll jissottometti li l-proceduri determinati bis-sentenza tal-1992, fejn hu u l-konvenut odjern kienu rispettivament konvenut u kjamat in kawza, ssospendew l-preskrizzjoni tal-azjoni fil-konfront tal-konvenut odjern.

F'dan ir-rigward jigi rilevat li ghalkemm huwa minnu li proceduri gudizzjarji jiksru l-preskrizzjoni u ma jhallux li dina timxi, ma jistax jinghad li l-attur odjern jista' jibbenefika mill-provedimenti tal-ligi fir-rigward. Certament il-proceduri imsemmija kellhom l-effett li jinterrompu l-preskrizzjoni u dana a tenur ta' l-Artikolu 2128 et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, izda l-beneficjarju ta' din l-interruzzjoni seta' biss kien l-attur f'dawk il-proceduri u cioe` Vincent Cauchi billi kien dan li, qua kreditur, istitwixxa l-istess proceduri fejn l-attur odjern, konvenut f'dawk il-proceduri, kien qieghed jilqa' ghat-talba maghmula fil-konfront tieghu billi jichad kwalunkwe responsabbilita`.

Ghal dik li hija sospensjoni tal-preskrizzjoni nsibu li fis-sub Titolu II tat-Titolu XXV tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta l-ligi telenka l-kazi meta preskrizzjoni hija sospiza billi ma timxix kontra l-assenti, l-wirt battal, bejn ir-ragel u l-mara, bejn il-genitur u t-tifel li hu taht is-setgha tal-genituri u kazi simili. Il-lista hija ezawrjenti u ma jidhirx, minn ebda provvedimenti fir-rigward, li l-legislatur halla xi poteri diskrezzjonali fil-gudikant. Issa minn ezami ta’ l-Artikoli 2122 sa 2125 fejn huma elenakti l-kazi meta l-preskrizzjoni hija sospiza ma jidhirx li l-kaz tal-appellant jinkwadra f’xi wahda minn dawn il-kategoriji.

Dan l-aggravju ghalhekk ukoll mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-attur qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjes kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------